# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 30 ta' April, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 92/01mm**

**International Automobiles Limited**

**vs**

**Nazzareno Bartolo**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' erba' mitt lira Maltin u wahda u wiehed u tletin centezmu (Lm401.31) liema somma hija dovuta skond tliet kambjalijiet (001 sa' 003)

iffirmati mill-istess konvenut, li kopja taghhom giet esebita, liema kambjalijiet skadew izda baqghu ma thallsux, nonostante li l-konvenut gie nterpellat diversi drabi sabiex ihallas.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra legali datata 29 ta' Jannar, 2001, ta' Mandat ta' Sekwestru Nru. 317/01 ipprezentat fis-7 ta' Frar, 2001, u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici li permezz taghha cediet is-sorte stante pagament fil-mori tal-kawza, pero' zammet ferm il-kap ta' l-ispejjez.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fil-25 ta' April, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici limitatament ghall-ispejjez kontra l-konvenut.